**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 191/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**EM**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' EM, datat 2 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti kienu zzewgu fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) skond certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;*

*Illi l-partijiet ilhom isseparati de jure ghal aktar minn erba' snin kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet in atti Nutar Dottor George Cassar datat hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) (anness u mmarkat Dok B);*

*Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn ghoxrin sena ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet ohra;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CB, datata 25 ta' Gunju 2019, a fol 11, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jehtieg li l-atti jigu korretti, peress illi hemm zball f'isem l-intimata, li ghandu jaqra "Ce" u mhux "C".*

2. *Illi fil-mertu l-intimata taqbel mal-fatti kif esposti fi-rikors ta' EM fl-intier taghhom u tiddikjara ghalhekk li taqbel li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.*

3. *Illi li l-intimata tissottometti pero li fic-cirkostanzi ma ghandha tbati l-ebda spejjez.*

Rat illi l-intimata irtirat l-ewwel eccezzjoni stante li skont ic-certifikat taz-zwieg isimha imnizzel skont kif jidher fir-rikors promotur (Vide fol 12);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EM** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Gunju 1988 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-5 t'Awissu 1996 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CB** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

*hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Gunju, 1988 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar, datat 5 ta' Awissu 1996 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment sseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwizit kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-intimata stante illi din giet irtirata minnha stess, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**